MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**MARIA KARLSSON**

Seduta tat-3 ta' Marzu, 2008

Talba Numru. 1009/2006

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenuti ghal hlas ta' erba' mija wiehed u erbghin Ewro u tnejn u erbghin centezmi (€442.12) ekwivalenti ghal LM189.80, rapprezentanti bilanc ta' prezz dovut mill-istess konvenuti lil Maltacom Plc in konnessjoni mas-servizz telefoniku li jgibu n-numri 21342061 (A/C 10093974 – file at 6594/88), liema servizz gie nstallat fil-fond bin-numru ufficjali 38, Triq Patri Marjanu Vella, Sliema, skond diversi kontijiet mibghuta lilhom u skond dokumenti annessi mat-talba.

IZY 1 applikazzjoni ghal servizz gdid
IZY 2 talba ghal tibdil fin-numru
IZY 3 talba ghal trasferiment tas-servizz
IZY 4 prospett ghas-servizz relattiv

Illi l-konvenuti gew interpellati sabiex jghaddu ghal hlas izda baqghu inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Bl-ispejjez u l-imghaxijiet legali.

Ra r-risposta tal-konvenuta Yolanda Attard li ssollevat li fl-ewwel lok jigi eccepit illi l-esponenti m'hijiex il-legittimu kuntradittur u dana peress li l-persuna responsabbli mill-kont skond id-dokumenti ezebiti, hu s-Sur Vincent Taliana. Fit-tieni lok jigi eccepit ukoll illi l-ebda ammont ma huwa dovut mill-esponenti kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza u fit-tielet lok jigi eccepit illi diversi ammonti rikjesti mis-socjeta' attrici huma preskritti ai termini ta` l-artiklu 2156 (d) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ra mill-atti li l-konvenut l-iehor fil-kawza u cioe' Vincent Taliana baqa' ma pprezentax risposta ghalkemm debitament notfikat u l-anqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra illi fit-12 ta' Dicembru, 2007, it-Tribunal ta sentenza fil-konfront tal-konvenut l-iehor Vincent Taliana.

Ra illi Yolanda Attard kellha tipprezenta kopja tal-kuntratt ta' separazzjoni izda din baqghet ma ezebitux sas-seduta tat-18 ta' Frar, 2008. Illi l-konvenuta msejjha tlett darbiet baqghet ma deheritx.

Sema` x-xhieda ta' Dr Ingrid Zammit Young, debitament awtorizzata tirraprezenta s-socjeta' attrici, tat-18 ta' Frar, 2008, illi l-ammont ghadu dovut.

Ra illi l-konvenuta naqset milli tidher ghal dawn l-ahhar sitt seduti u anki ghas-seduta ta` llum.

It-Tribunal jidhirlu illi l-konvenuta naqset milli tipprova il-kaz taghha quddiem dan it-Tribunal.

Ghaldaqstant, l-eccezzjonijiet ta' Yolanda Attard m'ghandhomx jigu akkolti minhabba nuqqas ta' provi minn naha taghha.

Fic-cirkostanzi, it-Tribunal jiddeciedi billi jilqa' t-talba attrici fil-konfront tal-konvenuta Yolanda Attard, bl-ispejjez u l-interessi skond il-ligi kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------